TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 179/18/B

Sandro u Diane Mizzi
Vs
CRC – Creative Refurbishing Centre Limited

Illum, 30 ta' Settembru, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-06 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu talbu rifuzjoni tal-prezz mhallas ghal bieb difettuz li huma xtraw minghand is-socjeta' intimata fl-ammont globali ta' disgha mitt Euro (€900);

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba minkejja illi gew debitament notifikati;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti Sandro Mizzi xehed bil-gurament u kkonferma l-Avviz mressaq. Ir-rikorrenti spejga illi huma ghamlu ordni ghal bieb u tieqa tal-aluminium minghand is-socjeta' initmata. Illi wara ftit li twahhal il-bieb beda' hiereg il-*corrosion* fl-istess bieb. Illi r-rikorrenti spejga illi s-socjeta' intimata kienet batet sub contractor 'Choko Aluminium' sabiex ikejjel il-bieb u talab lir-rikorrenti madwar xahar u nofs sabiex jahdmu bieb gdid. Illi wara t-trapass ta' dan iz-zmien 'Choko Aluminium' infurmawh illi l-bieb ma nhadimx peress socjeta' intimata ma tatx l-'*go ahead*' ghal bieb gdid. Illi r-rikorrenti spejga ukoll illi huwa ghamel kuntatt ma' certu Attilo rapprezentant ta' CRC li kienu batu sub-contractor iehor li kellu sat-12 ta' Jannar 2019 sabiex jaghmel bieb gdid. Illi Sandro Mizzi xehed ukoll illi l-intimati batu

ukoll lil certu Emanuel li kien forna l-materjal u li informa lir-rikorrenti li l-materjal kien tajjeb izda l-hadma kienet hazina. Illi r-rikorrenti kompla jistqar illi il-bieb baqa' qatt ma sar peress li l-intimata baqghet qatt ma tat l-go ahead lit-tieni sub contractor sabiex jaghmel ix-xogholijiet u ghalhekk intavola dan l-avviz sabiex jithallas lura l-ispejjez ghal bieb fl-ammont ta' € 777.41.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta r-Risposta bil-miktub taghha minkejja illi hija giet debitament notifikata. Illi l-istess socjeta' intimata nghatat diversi tentattivi sabiex tressaq l-provi taghha izda dan baqghet ma ghamiltux.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi mill-provi jirrizulta illi l-bieb ordnat mir-rikorrenti huwa wiehed difettuz tant illi r-rikorrenti Sandro Mizzi xehed illi harget hafna corrosion fuq l-istess bieb u dan jidher ukoll minn sett ritratti annessi bhala 'Dok C'. Illi di piu l-istess socjeta' intimata batet ghal darbtejn zewg sub-contractors sabiex jaghmlu l-kejl u suppost x-xoghol relattiv izda madankollu l-istess bieb baqa' qatt ma nbidel. Illi r-rikorrenti pruvaw jaslu f'arrangament mas-socjeta' intimata u dan jirrizulta mill-korrispondenza ta' messaggi u *call logs*, tant illi ikkoperaw bi shih mas-socjeta' intimata anke meta din batet persuna li forna l-materjal. Minkejja dan is-socjeta' intimate baqghet qatt ma bidlet il-bieb difettuz.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi

milqugha limitatament u dan peress illi fl-avviz ir-rikorrenti talab rifuzjoni ta' disgha mitt Euro (€900) izda mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti hallas is-somma ta' € 777.41 (Dok 'D').

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebgha mija usebgha mitt Euro u wiehed u erbghin centezmu (€777.41c)

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru